MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 1422/2001/1

**Helen BEŻŻINA**

**vs**

**Carmelo *sive* Charles BEŻŻINA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq u maħluf minn Helen Beżżina fit-8 t'Awissu, 2001, li bih hija talbet li titħalla teżegwixxi sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Novembru, 1981, fil-kawża fl-ismijiet "*Helen mart Charles Beżżina f'isimha proprju u bħala kuratriċi ad litem ta' bintha minorenni Pamela Beżżina vs Charles Beżżina"* (Ċitazz. Nru. 887/81JH), u dan minħabba li kienu għaddew aktar minn ħames snin minn mindu ngħatat dik is-sentenza, u talbet ukoll li jiġl likwidat favuriha ammont ta' manteniment maħdum fuq l-imsemmija sentenza;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrenti fit-12 ta' Frar, 2002, b'kopja tas-sentenza li tagħha hija qegħda titlob l-eżekuzzjoni;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Charles Beżżina fil-11 ta' Frar, 2002, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, oppona għat-talbiet tar-rikorrenti;

Semgħet ix-xiehda tal-intimat;

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-Degriet tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2002, li bih ħalliet il-każ għal-lum għad-deċiżjoni, u tat lill-partijiet il-fakulta' li jressqu Noti bis-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-każ;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrenti fis-27 ta' Ġunju, 2002, b'xi dokumenti mehmużin magħha[1];

Rat in-Nota mressqa u maħlufa mill-intimat fis-7 t'Awissu, 2002[2], flimkien ma' tmienja u għoxrin (28) dokument mehmużin magħha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat fit-22 t'Awissu, 2002[3];

Rat illi r-rikorrenti naqset li tressaq Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat li ma tressqet l-ebda talba għas-sospensjoni tal-għoti tad-deċiżjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni taħt l-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Biha, r-rikorrenti Helen Bezzina qegħda tipprova teżegwixxi sentenza li ngħatat favuriha, kemm f'isimha u kif ukoll f'isem bintha (li dak iż-żmien kienet għadha taħt l-eta'), kontra l-intimat, u dan biex jiġi ikkundannat iħallasha l-manteniment li messu ħallasha matul iż-żmien bis-saħħa ta' dik is-sentenza;

Illi min-naħa tiegħu, filwaqt li ma jidhirx li ressaq xi oppożizzjoni għall-ewwel talba tar-rikorrenti, l-intimat qiegħed jopponi bis-sħiħ it-tieni talba tagħha. Dan qiegħed jagħmlu billi jgħid li hu ma kellux iħallas l-ammont imsemmi

[1] Pa[[. 55 sa 71 tal-pro`ess
[2] Pa[[. sa tal-pro`ess
[3] Pa[[. sa tal-pro`ess

fir-Rikors, li l-istess rikorrenti kienet diġa' tħallset mingħand id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, u li f'kull każ ma għandu jħallas l-ebda ammont ta' manteniment dwar bintu minn mindu laħqet l-eta' ta' tmintax-il (18) sena;

Illi l-provi li tressqu mill-partijiet (l-iżjed mill-intimat) kienu jirrigwardaw tliet (3) aspetti: (a) l-ammonti li r-rikorrenti rċeviet mid-Dipartiment; (b) iż-żmien li l-intimat għamel mingħajr impieg jew impieg fiss; u (ċ) trasferimenti ta' ġid mill-intimat;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li l-proċedura mfassla taħt l-artikolu 258 tal-Kap 12 hija maħsuba biex terġa' tagħti saħħa lil titolu eżekuttiv li jkun baqa' ma ġiex eżegwit sa ħames snin minn mindu seta' jiġi eżegwit. L-għan ta' din il-proċedura għalhekk hu li jerġa' jagħti lill-kreditur il-jedd li jtemm dak li ma jkunx seħħlu jwettaq fiż-żmien minn mindu jitnissel dak it-titolu. M'huwiex maħsub li din il-proċedura sservi biex jerġa' jinfetaħ id-dibattitu fil-mertu li jkun inħoloq bit-titolu nnifsu. Huwa għalhekk xogħol li-Qorti li, taħt din il-proċedura, tqis jekk kienx hemm jew le titolu, u jekk dak li r-rikorrent jallega dwar jekk tħallasx jew ġabarx dak suppost mogħti lilu fl-imsemmi titolu jkunx tassew ma tħallasx għal kollox jew imqar f'parti minnu;

Illi hija l-liġi nnifisha li tfisser x'għandu wieħed jifhem bil-kliem "titolu eżekuttiv"[4]. Għalhekk, l-artikolu 258 ma japplika għall-ebda titolu ieħor mhux imsemmi fil-liġi;

Illi, t-titolu li r-rikorrenti f'dan il-każ qegħda titlob li terġa' tgħajjex huwa sentenza. Is-sentenzi (bħad-digrieti) mogħtija mill-Qrati ta' Malta huma fost l-għamliet ta' titoli eżekuttivi magħrufa mil-liġi. Ir-rikorrenti ressqet kopja tas-sentenza li hija trid tirrendi eżekuttiva mill-ġdid[5], u żiedet tgħid fir-rikors tagħha li minn dik is-sentenza ma sarx appell. Dik is-sentenza tikkostitwixxi ġudikat bejn il-partijiet;

Illi r-rikorrenti ttenni li l-intimat, tajjeb jew ħażin, ħallasha biss il-manteniment ta' tlettax-il (13) wara li kienet ingħatat l-imsemmija sentenza, u mbagħad waqaf. Meta ressqet ir-rikors kienu għaddew elf u erbatax-il (1014) ġimgħa minn

[4] Art. 253 tal-Kap 12
[5] Ara Dok "HB1", f'pa[[. 8-9 tal-pro`ess

mindu tħallset l-aħħar mingħand l-intimat. Għalhekk, minbarra t-talba biex tirrendi s-sentenza eżekuttiva mill-ġdid, ressqet ukoll it-tieni talba għal-likwidazzjoni tas-somma ta’ manteniment li jmissha tirċievi mingħand l-intimat għal dak iż-żmien kollu. Ir-rikorrenti tqis dak l-ammont bħala l-kreditu li baqa’ mhux imħallas lilha bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv;

Illi, fis-sottmissjonijiet imressqin mill-intimat, din il-Qorti ġiet mistiedna tqis li l-obbligazzjoni li tnisslet favur ir-rikorrenti bis-sentenza llum il-ġurnata ntemmet bil-ħlas li sar lilha mid-Dipartiment. Intalbet ukoll tqis li, b’żieda ma’ dan, jekk kemm-il darba din il-Qorti kellha tilqa’ t-talba tagħha li tillikwida somma ta’ arretrati ta’ manteniment, ir-rikorrenti se’ tkun stagħniet b’mod mhux xieraq bi ħsara tal-intimat għaliex sejra tkun irċeviet mill-ġdid dak li kienet diġa’ tħallset għalih mingħand ħaddieħor li jista’ jagħżel li jdur fuq l-intimat għar-rifużjoni. Il-Qorti ntalbet tqis ukoll il-bdil fiċ-ċirkostanzi tal-intimat minn wara li ngħatat is-sentenza li r-rikorrenti llum qegħda titlob l-eżekuzzjoni tagħha mill-ġdid. L-intimat semma wkoll il-kwestjoni tal-manteniment dovut lil bintu, li llum il-ġurnata laħqet l-eta’ legali;

Illi dwar dawn is-sottomissjonijiet, il-Qorti tgħid li ma tistax twarrab minn quddiemha n-natura tal-proċeduri li għandha quddiemha. Kif diġa’ ngħad aktar ‘il fuq, m’huwiex il-kompitu tal-Qorti li terġa’ tiftaħ mill-ġdid id-dibattitu magħluq bis-sentenza li tagħha tintalab l-eżegwibilita’ mill-ġdid. Il-Qorti tifhem li, kieku dan kellu jsir, ikun qiegħed jingħata bidu għal għamla ta’ proċess li jmur lil hinn mir-rimedju tar-ritrattazzjoni li diġa’ huwa meqjus bħala rimedju straordinarju. Għalhekk, f’dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti ma tistax tqis bħala xkiel għat-talba tar-rikorrenti dawk il-ġrajjiet li għadda minnhom l-intimat li, minħabba fihom, ma kienx f’qagħda li jħallas il-manteniment. Ir-rimedju tal-intimat għal każ bħal dan hu li jressaq, b’azzjoni mibdija minnu (u mhux bil-mezz ta’ eċċezzjoni għal azzjoni mressqa kontrih), talba speċifika għall-ħelsien mill-obbligu għall-manteniment jew għall-bidla fir-rata stabilita b’sentenza li tkun ingħatat qabel;

Illi b’daqshekk, ma jiġix li l-proċedura meħuda taħt l-artikolu 258 tal-Kap 12 issir formalita’, imma jibqa’ dejjem fis-setgħa tal-Qorti li tqis jekk għandhiex tilqa’ t-talba ta’ rikorrent billi

tara jekk jeżistux jew le l-kundizzjonijiet li bihom is-sentenza jew titolu eżekuttiv li jkun għad hemm lok li jerġgħu jingħataw saħħa għall-eżekuzzjoni tagħhom. Kif ingħad, dawn l-elementi huma tnejn: fl-ewwel lok, is-siwi tat-titolu invokat, u, fit-tieni lok, jekk għadx hemm pendenza tal-kreditu li nħoloq b'dak it-titolu;

Illi dan ifisser li wħud mis-sottomissjonijiet l-oħrajn tal-intimat imisshom jingħataw konsiderazzjoni xierqa. B'mod partikolari, dan jingħad dwar jekk ir-rikorrenti għadhiex kreditriċi tal-intimat żewġha. Il-Qorti tibda biex tqis li s-sentenza li r-rikorrenti trid terġa' tgħajjex stabiliet rata waħda ta' manteniment fiss dovut lill-attriċi (r-rikorrenti tal-lum) għaliha u għal bintha Pamela li dak iż-żmien kienet għadha taħt l-eta' <u>b'effett minn dak inhar stess</u>. Il-Qorti ma iffissatx kemm mis-somma kanoniżżata kellha tkun is-sehem tar-rikorrenti u kemm is-sehem ta' bintha. Minbarra dan, is-sentenza stabiliet ukoll li ċ-*Children's Allowance* kellha titħallas direttament lill-attriċi. Ġara li l-intimat waqaf iħallas dak li ġie ikkundannat bis-sentenza li kellu jħallas. Ir-rikorrenti daret għall-għajnuna tad-Dipartiment. Mill-provi li tressqu[6] jirriżulta li, bejn April tal-1982 u Diċembru tal-2000, ir-rikorrenti kienet irċeviet mingħand id-Dipartiment ħlas ta' wieħed u għoxrin elf sitt mija u sitta u sebgħin lira Maltija u tlieta u għoxrin ċenteżmu (Lm 21,676.23). Minbarra dan irċeviet ukoll elfejn sitt mija u dsatax-il lira Maltija u ħmistax-il ċenteżmu (Lm 2619.15) fi ħlas ta' *Children's Allowance*;

Illi x-xiehda dipartimentali[7] mressqa mill-intimat fissru lill-Qorti li l-imsemmija ħlasijiet saru sewwasew għaliex ir-rikorrenti kienet talbet għajnuna minħabba li ma kinitx tħallset il-manteniment mingħand l-intimat. Dawn ix-xiehda fissru wkoll li filwaqt lil-benefiċjarja kellha tagħmel l-almu kollu tagħha biex tikseb il-ħlas tal-manteniment, id-Dipartiment kien jista' jdur fuq l-intimat biex dan iħallas lura lilu dak kollu li kien ħallas lil martu bħala assistenza. Mingħajr ma l-Qorti tidħol fl-irqaqat ta' kif, min u meta messhom ittieħdu l-imsemmija proċeduri, jista' jingħad li ġie muri mingħajr l-ebda ħjiel ta' dubju li l-kawżali li għaliha r-rikorrenti ressqet it-talba lid-Dipartiment għas-Siġurta' Soċjali għall-ħlas kienet id-dispożizzjoni tas-sentenza tal-

[6] Ara Dokti "CA1", f'pa[[. 24 sa 33, "SM1", f'pa[. 43 u "ST1" sa "ST3", f'pa[[. 44-6 tal-pro`ess
[7] Xhieda ta' Carmelo Azzopardi tat-22.5.2002, f'pa[[. 38-40 tal-pro`ess

1981 li biha żewġha kien kundannat iħallasha l-manteniment. Din il-Qorti qegħda tqis l-argument tal-intimat li l-obbligazzjoni twettqet bil-ħlas effettwat mit-terz, bħala wieħed li jgħodd u li għandu jġorr piż fil-kejl tat-talbiet tar-rikorrenti f'din il-proċedura;

Illi, madankollu, wieħed irid iqis li l-obbligazzjoni mnissla mis-sentenza li tagħha r-rikorrenti qegħda titlob l-eżegwibilita' mill-ġdid, ma kinitx il-ħlas ta' somma waħda għal darba, jew it-twettiq ta' għamil li jseħħ darba, imma **obbligazzjoni kontinwa** li tibqa' sakemm jibqgħu jeżistu ċ-ċirkostanzi li nħolqu bis-saħħa tagħha, jew sakemm ma tingħatax sentenza oħra li tibdel jew tħassar dak li ġie hemm stabbilit. Huwa minħabba f'hekk li l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-intimat fis-sens li l-interess tar-rikorrenti li tressaq dan ir-Rikors ma jeżistix. L-istess intimat donnu jdur lura fuq is-sottomissjoni tiegħu, u fin-Nota tiegħu, jidher li jaċċetta l-possibilita' li l-interess ta' martu li l-imsemmija sentenza tiġi reża eżegwibbli jista' jkun jeżisti għall-ġejjieni. Il-Qorti ssib li din hija l-qagħda vera li għandha tittieħed dwar il-proċedura mibdija mir-rikorrenti: sakemm għad hemm fis-seħħ ċirkostanzi li kienu jeżistu fil-waqt li ngħatat is-sentenza li llum qegħda tintalab l-eżegwibilita' tagħha, il-Qorti ma tistax ma tqisx li jeżisti wkoll l-interess ġuridiku li jirradika t-talba għall-eżekuzzjoni tagħha;

Illi f'każ bħal ma huwa dan li għandha quddiemha l-Qorti llum, ma jistax jingħad li ladarba r-rikorrenti tħallset kulma setgħet tippretendi mid-Dipartiment, b'hekk id-dejn li ħolqot is-sentenza kontra żewġha l-intimat intemm: minħabba n-natura rikorrenti tal-obbligazzjoni maħluqa fuq l-intimat bl-imsemmija sentenza, id-dejn - fis-sens imfisser mil-liġi fl-artikolu 258 - għadu dovut u s-sentenza tibqa' tħarsu fejn u sakemm meħtieġ;

Illi għalhekk, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li għadhom kemm saru, il-Qorti qegħda tiddeċiedi dwar it-talba tar-rikorrenti Helen Bezzina billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** u tordna li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-tletin (30) ta' Novembru, 1981, fil-kawża fl-ismijiet "*Helen Bezzina mart Charles Bezzina f'isimha*

*proprju u bħala kuratriċi ad litem ta' bintha minorenni Pamela Beżżina versus Charles Beżżina*" (Ċitazz. Nru. 887/81) terġa' mill-ġdid issir eżekuttiva u eżegwibbli;

Billi jirriżulta li minn dak inhar tal-imsemmija sentenza, ir-rikorrenti rċeviet ħlasijiet li jaqbżu l-ammont minnha mitlub, **tiċħad it-tieni talba** tar-rikorrenti, b'kull riżerva għal kull proċedura eżekuttiva li hija jista' jkollha jedd għaliha bis-saħħa tal-ewwel talba, fuq ħlasijiet li jistgħu jkunu dovuti lilha fil-ġejjieni bis-saħħa tal-imsemmija sentenza;

L-**ispejjeż** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------